TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Grace Mangion

vs

Portughes Laundry & Dry Cleaning Ltd

CCT 190/22/MS

5 ta' Lulju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-12 ta' Dicembru 2022 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' disgha u sebghin euro (€79.00), prezz ta' libsa tal-irgiel li ntbghatet ghal dry cleaning, liema libsa giet dannegjata waqt li kienet fil-pussess tas-socjeta' intimata.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata Portughes Laundy & Dry Cleaning Ltd fejn cahdet it-talba tar-rikorrenti u qalet illi meta huma ghamlu spezzjoni tal-libsa, nnutaw illi kien hemm xi toqob u ghalhekk ikkuntattjaw lir-rikorrenti biex jinfurmawha, u m'ghamlu l-ebda intervent fuq il-libsa.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi irrizulta mill-provi illi ir-rikorrenti kienet baghtet zewg ilbiesi biex jitnaddfu ghand l-azjenda intimata, li min-naha taghhom kienu gabru l-ilbiesi mid-dar tar-rikorrenti. Wara jumejn, hija irceviet telefonata fejn giet infurmata illi wahda minnhom kienet imqatta' u baghtuha lura minghajr ma nadfuha. Ir-rikorrenti qaltilhom li kienet certa illi meta baghatet l-ilbiesi, dawn kienu tajbin mija fil-mija. Ir-rikorrent fethet it-talba u qalet illi l-azjenda intimata kienu offrewlha voucher ta' ghoxrin Euro, pero' qalulha illi kienet kamla. Min-naha taghha baghtet il-libsa ghan il-Comtec biex tivverifika u qalulha li ma kenitx kamla. Ir-rikorrenti ma kellhiex amment ta' meta xtrat il-libsa u lanqas ma kellha ircevuta, pero' meta marret ghand hwienet ohra qalulha li dawn l-ilbiesi jinbieghu ghal xi tmenin euro.

In kontro-ezami, ir-rikorrenti giet murija toqob u diffetti ohra fil-libsa, li qalet li kienet taf bihom, pero' qalet illi dawn kienu differenti u ma kellhomx x'jaqsmu mad-diffetti l-ohra.

Xehed ukoll Ian Mangion illi qal illi libes il-libsa s-Sibt ta' qabel li gabruha u li l-libsa kienet f'kundizzjoni tajba. Ikkonferma li din ma kenitx l-ewwel darba li libisha, li kienet ilha ghandu xi sena u kien libisha xi darbtejn jew tlieta. Mistoqsi jekk qatt intbghatet ghal dry cleaning, Mangion qal illi jidhirlu illi kien baghatha darb, pero' mhux ghand is-socjeta' intimata.

Illi xehed ukoll Ian Portughes illi qal illi meta huma jigbru l-hwejjeg minghand in-nies, dawn jitpoggew go borza, imbaghad jigu mmarkati u spezzjonati. Ikkonferma illi r-rikorrenti kellha zewg ilbiesi u wahda minnhom kienet ddangejata, mentri l-ohra kellha tbajja. Fil-fatt il-libsa li kellha t-tbajja tnaddfet, pero' l-ohra ntbghatet lura - li hija l-prassi meta huma jaraw diffetti ta' dan it-tip. Qal ukoll illi jista' jaghti l-kaz illi r-rikorrenti ma kenitx taf b'dawn it-toqob, u fil-fatt innota illi kien hemm diversi toqob ohra fil-libsa.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qieghda titlob is-somma ta' disgha u sebghin euro, u dan wara li baghtet libsa ghall-azjenda intimata ghat-tindif, liema libsa qatt ma tnaddfet wara li nnutaw illi kien hemm toqob fil-libsa u ghalhekk iddecidew illi jibghatu l-libsa lura minghajr ma ghamlu l-process ta' tindif.

Illi t-Tribunal kellu l-opportunita' illi jezamina il-libsa in kwistjoni, li giet prezentata seduta stante, u nnota illi kien hemm toqob ohra fil-libsa apparti dawk li fuqhom hemm l-ilment u li gew innutati dak iz-zmien. Ghalkemm ir-rikorrenti argumentat illi dawn it-toqob l-ohra ma kellhomx x'jaqsmu mat-toqob illi gew osservati mill-azjenda intimata, it-Tribunal ma jaqbilx. Il-fatt illi l-libsa kellha diversi toqob ohra huwa sinjali car ta' *wear and tear* u jitnaqqas mill-kreddibilita' tar-rikorrenti, u t-Tribunal jidhirlu illi l-argument tal-intimat huwa iktar probabbli fic-cirkostanzi, tenut kont ukoll tal-fatt illi l-libsa l-ohra baqghet intatta u dawn gew konsenjati flimkien.

Illi min jallega irrid jipprova u meta qies ic-cirkostanzi u x-xhieda, t-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma ppruvatx il-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru